**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 45/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 23/06/'11 274**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 23/06/'11 329**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Skuzat: Il-Kunsillier Edgar Montanaro

1.05 Kien preżenti wkoll l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.1.02 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-17 ta' Ġunju 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management Letter
4. Rapport Annwali Amministrattiv
5. Aġġornament – Tender Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat
6. Tender - Servizz ta' Accountant
   Polza ta' Assigurazzjoni
   Tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras
   Servizz ta' Mini Van
7. Għeluq ta' l-attivita' - Il-Festa ta' Lapsi
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

### Minuti - Kunsill

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 44/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 44/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

### Minuti - Kumitat Amministrattiv

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 11b/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv (Ara Appendiċi 'A').

1.3.06 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3 u 4 qabel item 2.

1.3.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 3 Management Letter

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Management Letter u l-azzjoni li ser tittieħed fuqha permezz ta' ittra Rif. K0675/062&200-08/11-MM (Ara Appendiċi 'B u C').

3.02 L-Accountant ta spjegazzjoni fid-dettal tal-management letter u tar-risposta li ser tintbagħat.

3.03 Saret riferenza ukoll għall-korrispondenza 3444/11 li ntbagħtet mis-Sur Louis Padovani dwar **'grants update 09/06/11'** (Ara Appendiċi 'D') u għall-email rif. K0747/quot/11 – CS li ntbagħtet mis-Segretarju Eżekuttiv lis-Sur Padovani dwar fondi għal ħtiġijiet speċjali li l-Kunsill ngħata bejn il-perjodu 1994 sa l-2000 (Ara Appendiċi 'E').

3.04 Hawnhekk is-Sur Padovani spjega li ma kienx possibbli li jiġu identifikati l-grants kollha kif entrati fl-accounts biex jiġi kkalkulat id-deprezzament. Iżda aċċerta lill-Kunsill li l-fondi kollha li rċieva l-Kunsill huma mdaħħlin fl-accounts u li dawn diġa' ġew awditjati minn diversi awdituri preċedenti.

3.05 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li s-Sur Padovani jikkonferma bil-miktub dak li ntqal f'paragrafu 3.04.

3.06 l-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter (K0675/062&200-08/11-MM).

3.07 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4 Rapport Annwali Amministrattiv

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq ir-Rapport Amministrattiv għall-approvazzjoni (Ara Appendici 'F').

4.02 Wara li l-Accountant ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport, iċ-Chairman ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

4.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Il-Kunsill irringrazzja lil-Accountant u lis-Segretarju Ezekuttiv għall-ħidma tagħhom u fl-istess ħin irringrazzja lis-Sur Padovani għas-servizz li pprovda tul ir-terminu li ilu jipprovdi servizz lill-Kunsill.

4.06 Is-Sur Padovani ġie skużat fl-4.40pm.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

2980 Email mingħand is-Sur David Gauci rigward rikjesta sabiex jiġu nstallati tabelli ta' promozzjoni u informazzjoni l-Balluta.

3105 Korrispondenza mingħand il-MEPA rigward PA/05864/03 – Compliance Certificate tal-Ġnien pubbliku ta' Ta' Ġiorni.

3185 Email mingħand Mark A. Miggiani rigward ġemellaġġ.

3224 Ittra mingħand is-Sur Charles Tanti rigward proposta biex jitpoġġew 'Mobile Toilets' fil-bajja ta' San Ġorġ.

3271 Ittra mingħand San Ġwann Football Club rigward il-mini pitch ta' Ta' Ġiorni.

3285 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-proposti Bye-Laws: Ġbir ta' Skart.

3370 Email mingħand il-Kunsillier Edgar Montanaro biex jiskuża ruħu mill-attendenza tal-laqgħa.

3395 Ittra mingħand it-Transport Malta rigward tneħħija ta' spazji ta' parkeġġ fit-Telgħa ta' San Ġiljan, Triq San Mikiel u Triq San Mark.

3436 Email mingħand in-*National Statistics Office* rigward *Census of Population and Housing 2011.*

3444 Email mingħand is-Sur Louis Padovani rigward *Grants update* 9 ta' Ġunju 2011.

3479 Ittra mingħand il-Kunsillier Edgar Montanaro rigward Press Release.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 2980

2.02 Saret riferenza għal e-mail mingħand is-Sur David Gauci rigward rikjesta sabiex jiġu nstallati tabelli ta' promozzjoni u informazzjoni l-Balluta. Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mas-Sur David Gauci qabel il-Kunsill jiddeċiedi li jinħareġ il-permess.

Rif. Nru. 3105

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-MEPA rigward PA/05864/03 – *compliance certificate* tal-Ġnien pubbliku ta' Ta' Ġiorni. Il-Kunsill ġie nfurmat illi saret l-applikazzjoni lill-WSC għal-meter ta' l-ilma u tħallas l-ammont ta' €760.00c. Din ingħatat lill-MP&DC biex ikompli jmexxijha.

Rif. Nru. 3185

2.04 B'riferenza għall-email mingħand is-Sur Mark A. Miggiani rigward ġemellaġġ. Ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello jiltaqa' miegħu biex jingħata aktar informazzjoni.

Rif. Nru. 3224

2.05 Saret riferenza għall-ittra tas-Sur Charles Tanti u għall-Minuti 44/K6/11, paragrafu 8.04 - 8.05. Ġie deċiż unanimament li:-

- Fit-tieni paragrafu, wara l-kliem 'mobile toilets' jitniżżel il-kliem **'għas-spejjez tiegħi'**;

- Tintalab ruling mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk hemmx xi oġġezzjoni li l-Kunsill japplika sabiex jitwaħħal main ta' l-ilma fil-Bajja ta' San Ġorġ, mal-ħajt ta' Villa Rosa. Dan sabiex, għax-xhur tas-Sajf, ikun jista' jinħasel u jindaf il-parti tal-ħajt u l-area fejn qed tiġi użata bħala latrina. Din il-bajja hija ffrekwentata mill-maltin u barranin li jkunu hemm sa kmieni filgħodu.

Rif. Nru. 3271

2.06 Saret riferenza għall-ittra mingħand San Ġwann Football Club rigward l-użu tal-*pitch* ta' Ta' Ġiorni. Ġie deċiż unanimament illi s-San Ġwann Football Club jiġi nnotifikat li l-Kunsill qiegħed fil-proċess li joħroġ sejħa għall-offerti għat-tmexxija tal-kumpless. Għalhekk jekk il-Klabb ikun interessat, meta tinħareġ is-sejha għall-offerti, ikun jista' japplika.

Rif. Nru. 3285

2.07 B'riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward kif il-Kunsill ser jiffinanzja il-proposta tal-**Bye-Laws Ġbir ta' Skart kummerċjali** ġie deċiż unanimament li d-Dipartiment jiġi nfurmat li l-Kunsill jidhirlu illi:-

- ➢ tal-ħwienet għandhom ikollhom imniżżel fil-permessi tagħhom l-ammont li għandhu jitħallas għall-ġbir ta' l-iskart;

- ➢ dan għandu jiġi kkalkulat skont il-kobor u l-*cover* tal-ħanut;

- ➢ kull xahar bil-quddiem il-Kunsill għandu jirċievi mingħand l-awtoritajiet ikkonċernati l-fondi sabiex ikun jista' jħaddem din l-iskema.

Rif. Nru. 3444

2.08 L-email mingħand is-Sur Louis Padovani dwar il-grants ġiet diskussa f'taqsima 3 paragrafu 3.03.

Rif. Nru. 3479

2.09 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsillier Edgar Montanaro rigward *Press Release*. Ġie deċiż unanimament illi jekk jirriżulta li ma kienx hemm emendi għal Legal Notice 96 ta' l-2011 tinħareġ il-*Press Release*.

**5 Aġġornament - Tender - Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat**

5.01 B'riferenza għat-tender – Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat il-Kunsill ġie nfurmat illi t-tender għadu fil-proċess ta' l-evalwazzjoni.

**6 Tender**

**Servizz ta' Accountant**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-*schedule* (Ara Appendiċi 'G').

6.02 Iċ-Chairman ippropona li tingħażel l-offerta ta' JCA Ltd peress li hija l-aktar wahda vantaġġjuza.

6.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Polza ta' Assigurazzjoni**

6.05 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tas-*schedule* (Ara Appendiċi 'H').

6.06 Iċ-Chairman ippropona li tingħażel l-offerta ta' Island Insurance Brokers Ltd. peress li hija l-aktar wahda vantaġġjuza.

6.07 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

6.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.09 Ġie deċiż unanimament illi sakemm isir il-kuntratt il-ġdid mal-Island Insurance Brokers Ltd., il-polza ta' l-assigurazzjoni preżenti tiġġedded għal xahrejn oħra mal-Peak Insurance Brokers Ltd.

**Tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras**

6.10 B'riferenza għat-tender għat-tmexxija tal-kumpless Dun Anton Sciberras, ġie deċiż unanimament illi din il-materja terga' tiġi diskussa f'laqgħa oħra tal-Kunsill meta jkun preżenti l-Kunsillier Edgar Montanaro.

**Servizz ta' Mini Van**

6.11 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-offerta għas-servizz ta' Mini Van li tiskadi f'Awwissu 2010 u għall-Memo 31/2010 (Ara Appendiċi 'I'). Ġie deċiż unanimament illi din il-materja tiġi diskussa wara Awwissu meta jagħlaq it-tender.

**7 Għeluq ta' l-attivita' - Il-Festa ta' Lapsi**

7.01 Iċ-Chairman għarraf lill-Kunsill illi l-attivita' 'Il-Festa ta' Lapsi' intlaqet sew mill-pubbliku u li kienet ta' suċċess. Għalhekk irringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu biex din l-attivita' segħet tittella' u ġibed l-attenzjoni

li ser tintbagħat ittra ta’ ringrazzjament lis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura l-Onorevoli Dr. Mario de Marco, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika l-Onorevoli Dr. Chris Said, lill-ex-Kunsillier is-Sur John Agius u lill-ko-ordinatur is-Sur Noel Castillo.

7.02 Wara diskusjoni qasira ġie deċiż unanimament illi din l-attivita’ tibqa’ issir kull sena u l-ħin li tibda l-attivita’ jiġġedded b’nofs siegħa aktar tard.

7.03 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-lista aġġornata ta’ l-ispejjez (Ara appendiċi ‘J’).

7.04 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Kumitat Amministrattiv Paceville għadda lill-Kunsill l-ammont ta’ ħames mitt €uro (€500.00c) bħala parti mill-ispejjez għall-attivita’ ‘Il-Festa ta’ Lapsi’.

7.05 Il-Kunsill irringrazzja lill-Kumitat Amministrattiv Paceville għal dan il-ġest.

## 8 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘K’).

8.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekonda.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

9.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3020 sa 3034 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'L’).

9.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3020 sa 3034.

9.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**10 Materji Oħra**

10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' tad-Djar, inc. 2535/11, l-MP&DC issottomettew ir-rapport (rif. inc. 3350/11) u dan intbagħat lill-Awtorita' tad-Djar fil-15 ta' Ġunju 2011;

- Nhar il-Ergħba 15 ta' Ġunju 2011 saret laqgħa ma' rappreżentant ta' l-IPSL, is-Sur Joe Saetta. Il-Kunsill ġie nfurmat li għandhom skema fejn il-Kunsill iħallas għall-materjal biss u x-xogħol isir min-nies ta' l-IPSL taħt is-superviżjoni tagħhom. Għalhekk ser jiġi nfurmat is-Sur Rene Savona Ventura, li jieħu ħsieb din l-iskema, biex jiġi rranġat:-
    - il-ħajt fi Triq Ta' Giorni n-naħa ta' fejn hemm il-ġnien;
    - il-ħajt imwaqqa li hemm fi Ġnien Dun Anton Sciberras;
    - il-passaġġ li hemm bejn Triq William H. Prescott u Telgħet Birkirkara.

10.02 Ġie deċiż unanimament illi:-

- Isir transfer ta' €30,000 mill-account tal-BOV għall-HSBC.

- Jintbagħat bukkett fjuri lill-mara tal-Kunsillier Edgar Montanaro li tinsab rikoverata l-isptar.

- Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li l-Kumitat Amministrattiv Paceville jagħmel ir-resurfacing ta' Triq Spinola minn kantuniera ma' Vjal Portomaso sa ħdejn id-Dick's Bar dment li jkollu l-finanzi u josserva l-proċeduri u r-regolamenti finanzjarji.

10.03 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-6:20pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |